**Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**
Il-Ħadd 29 ta' Ottubru 2017
It-30 Ħadd Matul is-Sena
Sena A

**Introduzzjoni**
Illum ser niċċelebraw il-liturġija tat-tletin Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex inħobbu lill-Mulej Alla tagħna u lill-proxxmu tagħna bħalna nfusna.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Eżodu 22, 20-26)
Is-silta li ser nisimgħu mill-ktieb tal-Eżodu turina x'atteġġjament għandu jkollna lejn il-proxxmu tagħna.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 17 (18), 2-3a.3bċ-4.47.51ab)
Inħobbok, Mulej, qawwa tiegħi.

**It-Tieni Qari** (1 Tess 1, 5ċ-10)
San Pawl jgħallem li l-bniedem għandu bżonn jinfired mill-idoli foloz sabiex jagħti qima sinċiera lil Alla.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 22, 34-40)
Ġesù jgħallem li l-imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu hija l-ogħla kmandament tal-ħajja.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
Ejjew f'dan il-mument noffru l-frott tal-imħabba u l-għaqda tagħna lil Alla.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
Alla huwa dak li jgħinna sabiex inħobbu.
B'dan l-atteġġjament, nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.